**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rita Bonnici

vs

Maltinoplastering – Taleb Zaidan

CCT 48/19/MM

Illum, 8 ta' Lulju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-26 ta' April 2019 fejn talbet is-somma ta' elf u seba' mija u ħamsin Ewro (€ 1750), rappreżentanti xogħol ta' *liquid membrane* magħmul mill-konvenut lir-rikorrenti u dan wara l-inkarigu mogħti lilu f'Lulju 2018.

Illi minkejja li l-konvenut kien debitament notifikat huwa baqa' ma ppreżentax risposta fl-atti.
Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienet inkarigat lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *liquid membrane* fuq il-bejt tagħha u dan għal valur ta' elf u seba' mija u ħamsin Ewro (€1750). Illi minkejja li l-attriċi tixhed li kienet avżat lill-konvenut li kienet ser titlob sussidju skont skema tal-Gvern u għalhekk kienet teħtieġ ċertu dokumentazzjoni huwa xorta qatt ma forniha b'dawn.
Illi mhux biss, jirriżulta mill-atti li skont ittra mibgħuta lir-rikorrenti mill-Awtorita' tad-Djad datata 12 ta' Awwissu 2019, l-istess sussidju ma setgħax jingħata lir-rikorrenti u dan wara li mill-ispezzjoni tagħhom irriżulta li x-xogħol ma kienx sar tajjeb.
Illi fl-aħħar seduta u dan wara li l-każ kien ilu jiġi differit, deher Taleb Zaiden fejn stqarr li dokumenti ma jipprovdix għajr riċevuta tal-VAT.

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna ċertifikazzjoni tax-xogħol ta' *liquid membrane* sabiex hija tkun tista tottjeni s-sussidju mill-Awtorita' tad-Djar. Illi indipendentement mill-fatt jekk il-konvenut kienx f'pożizzjoni li joħroġ ċertifikazzjoni jew le xorta waħda jibqa' l-fatt li s-sussidju ma ingħatax mhux minħabba dan in-nuqqas iżda primarjament għaliex ix-xogħol kien sar ħażin.
Illi ċertament dan it-Tribunal ma jħossx li għandu jiddubita lir-rikorrenti li saħansitra issotanzjat il-provi tagħha b'ittra maħruġa mill-Awtorita' nnifisha, kuntrarjament għan-nuqqas ta' interess li wera l-konvenut tul il-proċess kollu.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' elf u seba' mija u ħamsin Euro (€1750).

Bl-ispejjeż konta l-konvenut.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru